# RIŻORSA 5

**L-"Arka tar-Ritorn" tal-arkitett Rodney Leon, Monument Permanenti għall-Vittmi tal-Iskjavitù u l-Kummerċ Transatlantiku tal-Iskjavi fi ħdan is-sede tan-Nazzjonijiet Uniti ta' New York, l-Istati Uniti.**



*Sors: © UN Photo / Devra Berkowitz*



*Sors: © UN Photo / Devra Berkowitz*

Noti spjegattivi

- It-titolu huwa ispirat mill-"bieb il-vjaġġi bla ritorn" tal-kastell tal-gżira ta' Gorée fis-Senegal, fejn l-iskjavi kienu jinżammu priġunieri qabel ma jintbagħtu bil-bastimenti.

- L-irħamiet f'forma ta' triangolu u l-mapep inċiżi fil-ħitan jirreferu għar-rotot tal-kummerċ tal-iskjavi bejn l-Afrika u l-Amerka.
- It-tpinġijiet juru l-organizzazzjoni sistematika tal-bastimenti tal-iskjavi li fihom il-persuni kienu jiġu stivati, u jirrappreżentaw forom umani mrekkna b'mod orizzontali.
- L-iskultura, "figura ta' trinità" umana li apposta ma tistax tagħraf jekk hijiex raġel jew mara, tirrappreżenta l-irġiel, in-nisa u t-tfal ta' dixxendenza Afrikana li mietu bħala konsegwenza tal-kummerċ transatlantiku tal-iskjavi.

Għal aktar informazzjoni kkonsulta s-sit tal-internet tan-Nazzjonijiet Uniti

**Monument għall-Abolizzjoni tal-Iskjavitù, disinjat minn Wodiczko + Bonder, Nantes, Franza**



*Sors: Patrick Garçon, "Nantes Métropole" © Patrick Garçon-Nantes Métropole*



*Sors: Patrick Garçon, "Nantes Métropole" © Patrick Garçon-Nantes Métropole*

Noti spjegattivi

- Il-forma orizzontali tal-monument, il-pożizzjoni tiegħu max-xatt tax-xmara u t-taraġ għoli li jwassal għalih ilkoll ifakkru l-bastimenti tal-kummerċ tal-iskjavi.
- Jikkonsisti f'2 000 plakka tal-ħġieġ, li minnhom 1 710 juru l-ismijiet u d-dati tat-tluq tal-bastimenti li salpaw minn Nantes fuq spedizzjonijiet ta' kummerċ tal-iskjavi. Il-290 plakka l-oħra juru l-ismijiet tal-postijiet tan-negozju fl-iskjavi, tal-portijiet intermedjarji u tal-portijiet kummerċjali fl-Afrika, fl-Indji tal-Punent, fl-Amerki u fl-Oċean Indjan.

Għal aktar informazzjoni kkonsulta s-sit tal-internet tal-Monument

**Monument Nazzjonali tal-Iskjavitù, disinjat minn Erwin Jules de Vries, Amsterdam, in-Netherlands**



*Sors: sit tal-internet "What's up with Amsterdam"*
© Nationaal Instituut Nederlands Slavernijverleden en Erfenis

Noti spjegattivi

Il-monument jirrappreżenta tliet mumenti – il-passat (grupp ta' skjavi marbutin bil-ktajjen), il-preżent (skjav meħlus miexi taħt arkata) u l-futur (rappreżentazzjoni tat-twemmin li xi darba l-bniedem jinħeles mid-diskriminazzjoni).

**"Bieb il-vjaġġi bla ritorn" ta' Fortuné Banderia, Ouidah, il-Benin**



*Sors: Bicycle Africa / Ibike Tours © Cindy Hopkins/ Alamy*



*Sors: Bicycle Africa / Ibike Tours © Cindy Hopkins/ Alamy*

Noti spjegattivi

It-tmiem tar-Rotta tal-Iskjavi, li tmur mill-belt stess sal-kosta u li matulha hemm bosta skulturi u monumenti, jimmarka l-punt minn fejn l-iskjavi kienu jitgħabbew fil-bastimenti lejn l-Amerki.

- Fl-opinjoni tiegħek, permezz ta' dan il-monument, x'qiegħed jipprova jesprimi viżivament u emottivament l-arkitett/l-artist?
- Taħseb li rnexxielu?
- Liema monument taħseb li l-aktar li jirnexxilu jwassal il-messaġġ tiegħu, u għaliex?